# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 t'Ottubru 2015**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Numru : 640/2013/JPG**

**Future Focus Limited (C27454)**

**VS**

1. **Registratur tal-Qorti; u ghal kull interess li jista' jkollhom;**

2. **Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti;**

3. **Kullegg Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknologija**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Future Focus Limited tas-27 ta' Gunju 2013;

1. *Illi in segwitu ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Marzu 2013 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Future Focus Limited (C 27454) vs.Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti u l-Kullegg Malti tal-Arti, Xjenza u Teknologija (citazzjoni numru 1253/2009 JZM), l-intimat Registratur tal-Qrati Civili hareg it-taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji (**Dokument'A'**) rigwardanti l-istess kawza, fejn gie likwidat inter alia l-hlas ta' erbat elef disgha u disghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€4099.98) bhala dritt tar-registru, il-hlas ta' erbat elef, disa' mija u wiehed u sittin ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€4961.21) bhala drittijiet tal-Avukati rispettivi u l-hlas ta' elf sitt mija u tlieta u hamsin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1653.74) bhala drittijiet tal-Prokuraturi Legali rispettivi fil-kawza fuq citata;*

2. *Illi t-taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji suriferita tammonta komplessivament ghal sitta u ghoxrin elf tmien mija u erbgha u tletin ewro u tletin centezmu (€26,834.30);*

3. *Illi s-socjeta' rikorrenti tixtieq tattakka din it-taxxa bhala wahda irregolari u konsegwentement inattendibbli, billi fil-fehma umli tas-socjeta' rikorrenti, billi l-ammont li fuqu sar l-intaxxar mir-Registratur intimat gie erronjament uzat meta kellu jintuza ammont iehor, u dana ghaliex ir-Registratur intimat hadem fuq is- somma ta' erba' mija u erbgha u tletin elf sitt mija u tnejn u tmenin ewro (€434,682.00), filwaqt li fit-talba a fol 15 tal-istess nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' rikorrenti pprezentata f1-20 ta'Marzu 2012, johrog car li l-ammont mitlub kien ta' mitejn, sitta u disghin elf tliet mija u tmienja u tletin ewro (€296,338.00);*

4. *Illi ghal kull bwon fini, jigi ddikjarat li s-sottoskritt Avukat minnufih gibed l-attenzjoni tal-Avukati rispettivi involuti fil-kawza fuq imsemmija u huma wkoll, minghajr ebda ezitazzjoni, irrikonoxxew li t-taxxa kienet inhadmet fuq mod zblajat, da minkejja dan, peress li din kienet lahqet inharget u giet imdahhla fis-sistema tal-konteggi tal-Avukat Generali, din ma setghetx tigi radrizzata u kien bilfors jinhtieg li ssir din il-kawza;*

*Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti, ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha -*

1. *Thassar u tirrevoka t-taxxa fuq ezebita bhala Dokument 'A' mahruga mir-Registratur intimat fir-rigward tad-drittijiet u spejjez gudizziarji relattivi ghall-kawza fl-ismijiet Future Focus Limited (C 27454) vs. Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti u l-Kullegg Malti tal-Arti, Xjenza u Teknologija (citazzjoni numru 1253 /2009 JZM);*

2. *Tordna lir-Registratur intimat johrog taxxa fuq l-ammont ta'mitejn, sitta u disghin elf, tliet mija u tmienja u tletin ewro (€296,338.00).*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti tas-7 t'Awwissu 2013 (a fol. 9 et seq) li jaqra hekk:

1. *"Illi preliminarjament il-kumpannija rikorrenti tilfet kull dritt li tattakka gudizzjarjament l-ispejjez gudiz4arli kif gew intaxxati u likwidati mir-Registratur tal-Qrati galadarba hila diga hallset l-ispejjez gudizzjarji hekk kif gew mahduma mill-imsemmi Registratur (ara l-korrispondenza kontenuta f'***Dok. DK1***) Tassew il-fatt innifsu tal-hlas isarraf f'ammissjoni fit-termini tal-***artikolu 693 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta***, li hija kienet qed taccetta u tissokkombi ghat-taxxa kif inhadmet mir-Registratur tal-Qorti. Ghalhekk bl-imgieba taghha stess meta hallset l-ammonti indikati mir-Registratur, il-kumpannija rikorrenti giet li rrinunzjat ghal kwalunkwe azzjoni ta'ritassa jew ta' impunjazzjoni tat-taxxa;*

2. *Illi fi kwalsiasi kaz, l-esponent xorta wahda jemmen li l-kumpannija rikorrenti ma tistax tagixxi gudizzjarjament biex tattakka t-taxxa mahduma mir-Registratur ghaliex mit-13 ta' Mejju 2013 (jum li l-kumpannija rikorrenti wettqet il-pagament tat-taxxa), hija hadet <u>aktar minn xahar</u> imsemmi fl-artikolu* ***64(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*** *biexipprezentat dan ir-rikors;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent ma jaqbilx daqstant mal-kumpannija rikorrenti li t-taxxa nhadmet b'mod irregolari ghaliex jekk wiehed ihares*

*lejn il-paragrafu ta' qabel tal-ahhar, f'pagna 15 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpannija rikorrenti, wiehed isib li kienet il-kumpannija rikorrenti stess li kienet qed tiddikjara li bhala danni hija kienet qed tippretendi li tithallas l-ammont ta'€ €432,682. Ghalhekk il-kumpannija rikorrenti ma tistax tlum lir-Registratur li mexa fuq dan l-ammont biex hadem it-taxxa ladarba kien gie stabbilit minnha stess bhala l-valur li kienet qed tfittex;*

4. *Illi wara kollox jekk kien hemm 'Zball' dan kien biss tal-kumpannija rikorrenti li fl-istess pagna tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha hija indikat zewg valuri differenti bhala l-valur tar-reklam gudizzjarju taghha. Kieku riedet matul il-kors tal-kawza hija kellha kull opportunita li tirrettifika jew ticcara l-pozizzjoni taghha dwar il-valur tad-danni li kienet qed titlob. Bizejjed jinghad li wara din in-nota ta' sottomissjonijiet taghha hija kienet ipprezentat nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri u allura f'dak l-istadju hija setghet tirrimedja ghall-kunflitt li holqot hija stess fin-nota ta'sottomissjonijiet taghha. Madankollu hija ma sewwietx dan il-kunflitt Ghalhekk il-kumpannija rikorrenti ma tistax wara li hija stess holqot dan il-kunflitt fil-valuri tal-kawza u sahansitra ssokkombiet ghat-taxxa billi hallsitha, issa tippretendi li tattakka t-taxxa ufficjali tal-ispejjez gudizzjarji minhabba li ex turpi causa non oritur actio;*

5. *Illi dejjem minghajr hsara ghal dak fuq imsemmi, b'riferenza specifika ghall-premessa numru 4 tar-rikors tal-kumpannija rikorrenti, jinghad li qatt ma kien hemm rikonoxximent mid-dipartiment tal-kuntratti jew mill-Ufficcju tal-Avukat Generali li kien hemm kalkulazzjoni hazina fil-mod ta' kif giet mahduma t-taxxa tal-ispejjez gudizzjarji,*

6. *Illi finalment dejjem bla pregudizzju, jigi rilevat li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tal-kumpannija rikorrenti mhijiex imnissla minhabba xi ghemil jew nuqqas tal-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-kumpannija rikorrenti li qeghda tigi ingunta in subizzjoni."*

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali tat-13 ta' Settembru 2013 (a fol. 52 et seq.) li jaqra hekk:

*(1) Illi t-taxxa li qed tigi ikkontestata permezz tal-odjerna kawza inhadmet korrettement u skond il-ligi u inhadmet kif dejjem isir f'tali kawzi, u ghaldaqstant din it-taxxa timmerita illi tigi ikkonfermta stante il-metodu ta' ntaxxar uzat mid-Direttur tal-Qorti Civili kien dak korrett.*

*(2) Illi in effetti l-kawza fl-ismijiet Future Focus Limited (C 27454) vs. Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti u l-Kullegg Malti tal-Arti, Xjenza u Teknologija (Citazz. Nru. 1253/2009 JZM), fil-konfront ta' liema qieghdha tintalab ir-ritassa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji, giet gustament intaxxata ad valorem in kwantu l-imsemmija kawza tirrigwarda talba ghal (i) dikjarazzjoni ta 'responsabilita', (ii) likwidazzjoni ta'danni u (iii) kundanna ghal hlas tal-istess danni.*

*(3) Illi dina l-Onorabbli Qorti, fil-kawza sudetta, cahdet it-talbiet tar-rikorrenti u ghaldaqstant ma gie likwidat l-ebda ammont fis-sentenza.*

*(4) Illi l-gurisprudenza nostrana stabbiliet l-principju li t-taxxa ghandha tigi stabbilita' "mill-kumpless ta' dak illi jkun in kontestazzjoni u jigi indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali u multo magis l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, independentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda" ("***Av. Leslie Grech noe vs. Frank Abela et.***" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta'Jannar 2002).*

*(5) Illi jirrizulta bic-car minn dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici (a fol. 534 tal-process) illi " hija soffriet danni konsistenti fl-ammonti fuq stipulati li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' erba' mija tnejn u tletin elf,*

*sitt mija u tnejn u tmenin ewro (€432,682) kif gie spjegat ahjar aktar 'il fuq, u ghalhekk ghandu jigi ddikjarat dan l-ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti inkluz l-ispejjez".*

*(6) Illi fil-kaz in kwistjoni t-taxxa tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji, kemm fir-rigward tad-dritt tar-registratur u kif ukoll fir-rigward tal-Avukati u l-Prokuraturi Legali rispettivi inhadem propju fuq dan l-ammont hawn fuq dikjarat.*

*(7) Illi fi kwalunkwe kaz, u dejjem minghajr pregud izzju ghas-suespost, dato ma non concesso illi jirrizulta illi l-ammont ta' €432,682 indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta' attrici kien wiehed erroneju, dan kien zball kommess mis-socjeta'attrici inifisha u mhux mill-eccipjenti u ghaldaqstant f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponenti m'ghandux isofri ebda spejjez ta'tali azzjoni u/jew korrezzjoni.*

*(8) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni illi tohrog dina l-Onorabbli Qorti, izda f'kull kaz l-esponent m'ghandux jsofri spejjez ta' dawn il-proceduri.*

*(9) Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat in-nota tal-konvenuti MCAST tad-9 t'Ottubru 2013 li biha a skans li jinkorru spejjez inutli da parti taghhom, jindikaw li jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju tal-Onor. Qorti (a fol. 57);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-5 ta' Dicembru 2013 fejn innominat lil Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju (a fol. 59);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Il-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti tirrigwarda kontestazzjoni ta' taxxa mahruga mid-Direttur Qrati Civili u Tribunali in segwitu ta' kawza Rikors Numru 1253/09 fl-ismijiet Future Focus Limited vs Direttur Generali Dipartiment tal-Kuntratti et deciza fis-26 ta' Marzu 2013.

Jirrizulta mill-provi illi fil-waqt illi r-Registratur hadem it-taxxa fuq l-ammont ta' erba' mija u erbgha u tletin elf sitt mija u tnejn u tmenin Ewro (€434,682.00), s-socjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet finali (a fol. 534 tal-atti 1253/09) talbet ghall-ammont redott ta' mitejn, sitta u disghin elf tliet mija u tmienja u tletin Ewro (€296,338.00).

Din il-Qorti wara li flit bir-reqqa l-atti processwali, n-nota ta' sottomissjonijiet fuq indikata taghraf illi r-Registratur gie ndott fi zball 'l ghaliex s-socjeta' attrici ma pprezentatx n-nota ta' riduzzjoni u ghaliex fl-istess nota ta' sottomissjonijiet s-socjeta' attrici indikat zewg valuri.

Ma dana kollu din il-Qorti tqis illi **jirrizulta deskrepanza sostanzjali bejn iz-zewg valuri**, **b'diskrepanza ta' l-fuq minn mija u erbghin elf Ewro (€140,000).** Dan jfisser illi s-socjeta' attrici hallset spejjez skond taxxa zbaljata li kienu ferm aktar minn dawk li kienu attwalment dovuti.

Illi ghaldaqstant u minkejja li t-terminu elenkat fl-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 skada bi ftit granet u minkejja li s-socjeta’ attrici kienet fil-fatt gia ghamlet il-hlas tal-ispejjez gudizzjarji zbaljat, il-Qorti ma taghrax illi jkun gust u ekwu li d-Dipartiment tal-Gustizzja jibbenefika minn spejjez gudizzjarji mhux dovuti, a skapitu tac-cittadin.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici, tirrevoka u thassar t-taxxa ezebita u mmarkata Dok. A u tordna lir-Registratur intimat johrog taxxa fuq l-ammont ta’ mitejn, sitta u disghin elf tliet mija u tmienja u tletin Ewro (€296,338.00) u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati fejn applikabbli. Il-Qorti taghraf illi fl-isfond tac-cirkostanzi fuq indikati, ebda wiehed mill-intimati m’ghandu jbaghti spejjez.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**